



Kunsill tal-Unjoni Ewropea  
Segretarjat Ġenerali

Brussell, 6 ta' Settembru 2023

CM 4016/23

---

**Fajls Interistituzzjonali:**

2023/0149(NLE)

2023/0148(NLE)

2023/0147(NLE)

---

PECHE  
PROCED

**KOMUNIKAZZJONI**

**PROĊEDURA BIL-MIKTUB**

---

Kuntatt: LIFE.fisheries@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +32.2.281.6083

---

Suġġett: 1) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028) -  
- Adozzjoni

2) Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028)  
- Adozzjoni

3) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028)  
- Qbil fil-prinċipju  
- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew  
= TMIEM IL-PROĊEDURA BIL-MIKTUB

---

Id-delegazzjonijiet huma b'dan infurmati li l-proċedura bil-miktub, mibdiya bid-dokument CM 4015/23 tal-4 ta' Settembru 2023 ingħalqet b'suċċess fis-6 ta' Settembru 2023, u li d-delegazzjonijiet kollha vvutaw favur:

- l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja, kif tinsab fid-dokument 9856/23, u tar-Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, kif jinsab fid-dokument 9866/23;
- il-qbil fil-prinċipju dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq dwar il-konklużjoni, kif tinsab fid-dokument 9862/23, u l-qbil li tintbagħat, flimkien mat-test tal-protokoll (id-dokument 9890/1/23 REV 1), lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

Il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa ntlaħqet. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja u r-Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd huma adottati, intlaħaq qbil fil-prinċipju dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, u din tal-aħħar ser tintbagħat, flimkien mat-test tal-protokoll, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tad-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fid-dokument 10337/1/23 REV 1 ADD 1. Din id-dikjarazzjoni ser tiġi inkluża fis-sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub bħala dikjarazzjoni li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 12(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

Is-Segretarjat tal-Kunsill jixtieq jirringrazzja lid-delegazzjonijiet u lill-Kummissjoni tal-kooperazzjoni tagħhom.

---